MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 350/2011

**Focal Maritime Service Company Limited**

**Vs**

**Top Hat Co. Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li talbet lis-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici, f'isem il-principal taghha Sermar Line SRL ta' Via Valle 2, Venezja, Marghera, l-Italja, is-somma ta' sebat elef mitejn u tnejn u sebghin Euro (€ 7,272) dovuti bhala *demurrage charges* mill-1 ta' Ottubru 2008 sal-25 ta' Ottubru 2010 in konnessjoni mal-container numru SERU 2200660 ex M/V Carola Voy. 022, bill of lading Dok.A, li ntbaghat minn Malta ghat-Turkija, Istanbul, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2008, tad-29 ta' Ottubru 2009 u tal-25 ta' Ottubru 2010, bl-imghax.

Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta giet notifikata, f'diversi seduti deher Dottor Edward Gatt bhala l-avukat taghha, u f'zewg seduti deher rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Pero ma gietipprezentata l-ebda risposta.

Semghat ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Ikkunsidrat:

F'dawn il-proceduri gie prodott biss xhud wiehed, u cioe Charlene Barbara, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Din ix-xhud ikkonfermat ir-rikors bil-gurament taghha u qalet li l-ammont ta' sebat elef mitejn u tnejn u sebghin Ewro (€7272) ghadu dovut bhala *demurrage charges* mill-1 ta' Ottubru 2008 sal 25 ta' Ottubru 2010 ghar-raguni indikata fir-rikors.

Is-socjeta' konvenuta nghatat diversi opportunitajiet sabiex tipproduci l-provi izda hija naqset li taghmel dan u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Fid-dawl tal-provi prodotti mis-socjeta' attrici, li ma gew bl-ebda mod kontradetti mis-socjeta' konvenuta, din il-Qorti hija ta' l-opinjoni li t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, f'isem il-principal taghha Sermar Line SRL ta' Via Valle 2, Venezja, Marghera, l-Italja, is-somma ta' sebat elef mitejn u tnejn u sebghin Euro (€ 7,272), bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2008, tad-29 ta' Ottubru 2009 u tal-25 ta' Ottubru 2010, u bl-imghax kontra is-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------